MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 480/2010

**Saint James (Capua) Hospital Limited**
**C-14713**

**vs**

**Maria Jema Lumbera**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta Maria Jema Lumbera thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u wiehed u tletin Ewro (€1,231) bilanc ta' prezz ta' servizzi medici, akkomodazzjoni u medicinali moghtija lill-istess konvenuta bejn id-dsatax (19) u tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), fuq l-inkarigu taghha stess, dovuta minnha skond *invoice* datata l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) ga mibghuta lilha.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf mitejn u wiehed u tletin Ewro (€1,231) bilanc ta' prezz ta' servizzi medici, akkomodazzjoni u medicinali moghtija lill-istess konvenuta bejn id-dsatax (19) u tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------